żmien, jew biex jitgħaxxaq bil-ġrajja ta' mħabba, jew ta' niket li meta tagħsarhom ma jħallu xejn; għandi f'rasi li wieħed l-ewwelnett jagħżel il-kotba li jgħoddu għalih, jiġifieri kotba li jitkellmu, mhux fuq fruhat, imma fuq ħwejjeġ tal-qabda, bħal ma huma deskrizzjonijiet ta' pajjiżi oħra bin-nies tagħhom, bid-drawwiet bil-liġijiet u bir-reliġjon ta' hemm, jew kotba li jistudjaw in-natura tal-bniedem fil-fehma tiegħu, fil-qalb, fl-imġiba, u dan mhux fih in-nifsu biss, iżda fl-istorja tiegħu minn meta beda jħażżeż xi tifkiriet ta' ġrajjietu: inbagħad li wieħed jifli tajjeb u jixtarr dak li jaqra sa kemm idaħħalhom fil-ħażna u jagħmilhom tiegħu.

Kotba ta' din il-qatgħa hemm erbgħa ġmielhom fil-ġabra tal-"Mogħdija taż-Żmien"; insemmi quddiem: "*L-Istorja ta' Malta*" fil-qosor, miktuba minn l-imħallef P. Debono u miġjuba fil-Malti minn Ġużè Muscat-Azzopardi; "*Malta Qadima*" ta' P. Bellanti, "*X'jgħid il Malti*" ta' Patri Manuel Magri S.J., "*Id-Dinja bil Hlejjaq Tagħha*" ta' A. Preca, "*Daura sabiħa fil-Lvant*" ta' Dun Xand Cortis, "*Hames xhur fil Grecja*" tiegħu ukoll, "*Storja tal Knisja*" ta' A. Preca, "*Il Krucjati*" ta' A. M. Galea u oħrajn: inbagħad xi ġabriet ta' poëżija tajba, bħal ma hi dik ta' G. A. Vassallo, ta' R. Taylor, ta' L. Mifsud-Tommasi, ta' G. Muscat-Azzopardi u ta' oħrajn kittieba tal-lum. Il-qari tal-poëżija ma hemmx miegħu għal min irid jitgħallem jikteb: il-fantasija tal-poëta dejjem iżjed mixgħula minn tal-kittieb tal-proża, u s-sengħa tal-kitba fil-poëta iżjed irqiqa milli fil-kittieb l-ieħor. Id-dehriet li jkollu l-poëta huma bħad-dehriet tan-natura, sbieħ, imżewqin, imqabbla fil-lwien u fid-daqs: fi kliemu u fi ħsiebu tgħaddi qisha mewġa ta' daqq li jiġbdek u jġiegħlek tifhem qawwi bħal ma jifhem hu, u tinżel miegħu sal-qiegħ ta' qalbu, u ġewwa dik il-qalb donnok tisma' l-polz ta' l-univers iħabbat waħda b'waħda ma' tiegħu.



Għalhekk il-poëta xi drabi bla ma jintebaħ hu stess, jobsor ħwejjeġ li f'ħajtu ħadd ma jafhomlu u li ż-żmien biss juri kemm kienu minnhom; u dan hu is-sigriet li fil-poëżija jħenni lir-ruħ ta' min jifhimha u li jżomm il-poëżija ħajja fost radam ta' kitba li titwieled, tgħix u tmut f'dawra ta' ftit ġimgħat jew ftit xhur; u din hi l-ħtija li dawk ix-xbihat li nitgħallmu mill-poëżija donnhom ma jridu jitħassru qatt la minn moħħna, l-anqas minn qalbna.

Hekk jidhirli li għidt kemm kien xieraq li wieħed igħid f'daun it-"Ttitt-Xhur" fuq it-thejjija tal-Moħħ, tal-Qalb u tal-Fantasija għal dawk li jridu jitħarrġu fil-kitba bil-malti.

**Dun Karm.**

# LIL ALLA

Hawn issa waħdi bejn da's-sema tiegħek
u dan il-moħħ li tajtni, jien quddiemek
irrid fil-ħemda niftaħ qalbi miegħek,
irrid li nisma' wkoll fil-ħemda kliemek.

Għax kliemek ħelu faraġ għal min qalbu
wara l-ħidma tal-jum ikollu mdejqa;
Int għamilt wegħda li tismagħlu talbu
u li bi kliemek ruħu tkun imfejqa.

Għalhekk jien ġejt, għax qisni minngħajr ħajja
u moħħi tilef minn tal-ħsieb is-saħħa;
l-anqas nixtieq ma nista' l-għaliex l-għajja
taħkem qiegħda bit-toqla kollha tagħha.

Dil-ħajja li q'għed ngħaddi fit-taqbida
qalila bla mistrieħ għal l-Art twelidi,
Int ġagħ'lni nħoss li hekk imħabbta tridha:
hi taħdem qiegħda kif trid Int, ja Sidi.

**Dr. C. Mifsud Bonnici.**